Nru. 17,971
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru, 2006
Friday, 22nd September, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 805

ATT DWAR IT-TAXXA TAD-DWANA U TAS-SISA
(KAP. 395)

Tribunal dwar it-Taxxa tas-Sisa

BIS-SAĦĦA ta' l-Artikolu 47 ta' l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel in-nomini li ġejjin fit-Tribunal dwar it-Taxxa tas-Sisa. Dawn in-nomini huma għal perijodu ta' tliet snin, b'seħħ mis-6 ta' Awissu, 2006.

Chairman
Dott. Andrew Borg Cardona, LL.D., M.A. (Bus. Law)

Membri
Is-Sur Noel Scerri
Is-Sur Joseph Ricca, A.C.I.B.

Reġistratur
Ms Ritienne Mifsud

Deputat Reġistratur
Ms Marie Louise Borg

It-22 ta' Settembru, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 805

CUSTOMS AND EXCISE TAX ACT
(CAP. 395)

Excise Tax Tribunal

IN virtue of section 47 of the Customs and Excise Tax Act, the Prime Minister and Minister of Finance has made the following appointments for a period of three years with effect from the 6th August, 2006.

Chairman
Dr Andrew Borg Cardona, LL.D., M.A. (Bus. Law)

Members
Mr Noel Scerri
Mr Joseph Ricca, A.C.I.B.

Registrar
Ms Ritienne Mifsud

Deputy Registrar
Ms Marie Louise Borg

22nd September, 2006

Nru. 806

ATT TA' L-1975 DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA

Ħatriet fl-Ordni Nazzjonali tal-Meritu

GĦALL-fini ta' l-artikolu 22 ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika u skond ir-Regola 3 tar-Regoli ta' l-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet, il-Kanċillier ta' l-Ordni Nazzjonali jgħarraf illi saru n-nomini li ġejjin fl-Ordni Nazzjonali tal-Meritu.

Is-Sur Konstantinos Kalogeropoulos
Uffiċjal Onorarju ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu

Is-Sur Niphan Benjavilas
Membru Onorarju ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu

Is-Sur Samir Yehia El Alaily
Membru Onorarju ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu

Is-Sur Herman J Stevens
Membru Onorarju ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu

Il-21 ta' Settembru 2006
(OPM 979/94/II)

No. 806

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT, 1975

Appointment to the National Order of Merit

FOR the purpose of section 22 of the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975, and in accordance with Rule 3 of the Rules for Honours, Awards and Decorations, 1990, the Chancellor of the Maltese Orders notifies that the following appointments have been made to The National Order of Merit.

Mr Konstantinos Kalogeropoulos
Honorary Officer of The National Order of Merit

Mr Nipahan Benjavilas
Honorary Member of The National Order of Merit

Mr Samir Yehia El Alaily
Honorary Member of The National Order of Merit

Mr Herman J Stevens
Honorary Member of The National Order of Merit

21st September 2006

Nru. 807

'WARRANT' MILL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarju bis-setgħa li jagħti Ġurament, fil-qadi ta' dmirijietu u sakemm jibqa' fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmi hawn taħt:

Faċilità Korrettiva ta' Kordin
Spettur Abraham Zammit

B'Awtorità
Tonio Borg
Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

It-22 ta' Settembru, 2006
(MJHA/144/2003/IV)

No. 807

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as he continues in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Corradino Correctional Facility
Inspector Abraham Zammit

By Authority
Tonio Borg
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

22nd September, 2006

Nru. 808

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Marco Buttigieg, B.A., LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Marco Burlò, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mit-12 ta' Settembru 2006 sal-25 ta' Settembru 2006.

Gladys Bugeja
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Id-19 ta' Settembru, 2006

No. 808

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Buttigieg, B.A., LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr Marco Burlò LL.D., during the latter's absence from these islands from the 12th September 2006 till the 25th September 2006.

Gladys Bugeja
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

19th September, 2006

Nru. 809

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn avviż ta' stima ta' l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(4) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt/EIA-Malta.

No. 809

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(4) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.mepa.org.mt/EIA-Malta.

Sit fil-Qasam, Ta' Kerċem	PA06476/04	Twaqqigħ ta' ħitan eżistenti u kamra bil-pompa, u bini ta' razzett tal-kapuċelli Is-Sur Joe Attard
Site at il-Qasam, *Kerċem*	PA06476/04	*To demolish existing boundary walls and pump room and erect a broiler house.* *Mr Joe Attard*

It-22 ta' Settembru, 2006

22nd September, 2006

Nru. 810

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 810

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
15. 09. 06	Lm6.38c9	13c0
18. 09.06	Lm6.37c4	12c9
19. 09. 06	Lm6.44c3	13c3
20. 09. 06	Lm6.35c7	13c0

It-22 ta' Settembru, 2006

22nd September, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 96

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 96

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Nhar is-Sibt, it-23 ta' Settembru 2006 u nhar il-Ħadd l-24 ta' Settembru 2006 mis-6.00 a.m. sad-9.00 p.m. minn Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa u s-Siġġiewi, Triq tas-Sejba, l-Imqabba, Triq San Tumas, Ħal Luqa, triq magħrufa bħala Tar-Robba quddiem ir-*roundabout* li tagħti għaż-Żurrieq fi Triq Valletta, Ħal Kirkop u t-tul kollu madwar il-*fence* ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fejn hemm dħul ta' emerġenza lejn l-Ajruport.

Il-pubbliku huwa wkoll avżat li fid-dati u l-ħinijiet imsemmija d-dħul għal *Air Show* se jkun minn Triq Ħal Farruġ minn naħa ta' Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa u l-ħruġ mill-Ajruport lejn id-direzzjoni tas-Siġġiewi.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Settembru, 2006

On Saturday 23rd September 2006 and on Sunday 24th September 2006 from 6.00 a.m. to 9.00 p.m. through Triq Ħal Farruġ, Luqa and Siġġiewi, Triq tas-Sejba, Mqabba, Triq San Tumas, Luqa, road known as Tar-Robba opposite roundabout leading to Żurrieq in Triq Valletta, Kirkop, and along the wire fence surrounding the Malta International Airport and all emergency entrance gates leading to the Malta International Airport.

The public is also being notified that on the dates and times mentioned above entrance to the Air Show will be from Triq Ħal Farruġ, from the direction of Triq Ħal Qormi, Luqa and exit from the airport towards Siġġiewi.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

22nd September, 2006

EUROPEAN UNION

Vacancies for Temporary Agents with the European Railway Agency (ERA)

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published the following vacancy notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Railway Agency (ERA), for the recruitment in the following positions as Temporary Agents:

ERA-A-2006-010 Project Officer in the field of safety - Temporary Agent AD5. Closing Date: 6th October 2006

ERA-A-2006-009 Project Officer in the field of safety - Temporary Agent AD5. Closing Date: 6th October 2006

For further information on working conditions of temporary agents see:
http://europa.eu.int/comm/reform/2002/index_en.htm
The European Railway Agency was established by Regulation (EC) N° 881/2004 of the European Parliament and of the Council of 29 April 2004 (OJ L 164, 30.04.2004). It is located in Lille/Valenciennes, France.

The Agency was established to provide the Member States and the Commission with relevant technical assistance in the fields of railway safety and interoperability. As part of its common transport policy, the Community has adopted legislation to pave the way for gradual establishment of an integrated European railway area, both legally and technically. This involves the development and implementation of technical measures for safety and a common approach to issues concerning railway safety.

Further details of the Agency's activities may be found at:http://www.era.europa.eu.

For applications to be valid, candidates must submit:

A detailed curriculum vitae (on EU CV format only)
A letter of motivation (2 pages maximum)

The eligibility and selection criteria grid

The application will be rejected if the dossier is incomplete.

Supporting documents showing evidence of the information given in the application documents may be requested at a later stage. No document will be sent back to candidates.

Applications must be addressed to mailbox jobs@era.europa.eu clearly indicating the vacancy reference number in the subject line.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

22nd September, 2006

IL-KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi
Lecturing staff – Kimika

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jingaġġa *full-time lecturing staff* fil-Kimika.

L-applikanti għandu jkollhom lawrja B.Ed. (Hons.) bi speċjalizzazzjoni fix-xjenza, jew lawrija B.Sc. fil-Kimika u l-Bijoloġija, jew xi lawrja oħra relatata. Għandu jkollhom ta' l-anqas esperjenza relevanti ta' tliet snin fit-tagħlim/fl-indusrija, u għandhom ikunu kapaċi jgħallmu firxa ta' suġġetti tax-xjenza fil-livelli kollha f' diversità ta' korsijiet, inkluż il-*Hairdressing, Beauty Therapy,* Sports u Eżerċizzju, Kura u Studji rigward is-Saħħa.

L-applikanti huma meħtieġa li jibagħtu l-formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST mimlija lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-2 ta' Ottubru, 2006, sa nofsinhar. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08, Tel: 23987100 Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

Permess ta' l-ETC Nru. 155/2006

It-22 ta' Settembru, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies
Lecturing staff – Chemistry

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time lecturing staff in Chemistry

Applicants should be in possession of a B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in science, or of a B.Sc. degree in Chemistry and Biology, or any other related degree. They should have a minimum of three years relevant teaching/industrial experience, and should be able to teach a range of science subjects at all levels of a variety of courses including Hairdressing, Beauty Therapy, Sports and Exercise, Care, and Health Studies.

Applicants are required to submit the completed MCAST Application Form to the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Monday, 2nd October 2006, at noon. Application forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. If further information is required, please refer to the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08, Tel: 23987100 Fax: 23987316, www.mcast.edu.mt

ETC Permit No. 155/2006

22nd September, 2006

DIVIŻJONI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA

Riżultat għall-Post ta' Marixxall Anzjan, fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja (Malta)

Id-Direttur Ġenerali (Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja) jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* (sular ta' isfel) tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika ,Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-22 ta' September, 2006

COURTS OF JUSTICE DIVISION

Result for the Post of Senior Marshal at the Courts of Justice Division (Malta)

The Director-General (Courts of Justice Division) notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be seen on the notice-board (ground floor) of the Courts of Justice Division, Triq ir-Repubblika, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

22nd September, 2006

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRUTTURA

Riżultat għall-Post ta' *Junior Engineer/Engineer* fid-Dipartiment għall-Manifattura u s-Servizzi tat-Taqsima tas-Servizzi, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Id-Direttur Ġenerali (Servizzi), jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-boards* ta' *Project House,* il-Furjana, u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-22 ta' Settembru, 2006

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Result for the Post of Junior Engineer/Engineer in the Manufacturing and Services Department of the Services Division, Ministry for Resources and Infrastructure

The Director-General (Services), notifies that the result for the above mentioned post has been published and can be viewed on the notice-boards at Project House, Floriana, and the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

22nd September, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Avviż Numru 2 - *Shared Ownership*

B'riferenza għall-Avviż Numru 2 - *Shared Ownership* - ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Settembru 2006, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel din l-emenda:-

(1) temenda Kodiċi 85 taħt kategorija 'A' f'paġna 8002 biex taqra kif ġej:-

li l-*maisonette* numru tlieta (3) fi Triq il-Kapuċċini, il-Kalkara, mhux se tiġi offruta għall-bejgħ.

It-22 ta' Settembru, 2006

HOUSING AUTHORITY

Advert Number 2 - Shared Ownership

With reference to notice under Advert No. 2 - Shared Ownership - published in the Government Gazette of the 15th September 2006, the Housing Authority is effecting the following amendment:-

(1) amend Code 85 under category 'A' page 8002 to read as follows:-

that maisonette number three (3) at Triq il-Kapuċċini, Kalkara, is not being offered for sale.

22nd September, 2006

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 JULY 2006

ASSETS	31-Jul-06 Lm	30-Jun-06 Lm
EXTERNAL ASSETS		
Gold and Other Precious Metals	**1,613,611**	724,131
International Monetary Fund	**36,501,775**	36,491,591
Convertible Currencies and Other Foreign Assets	**895,067,531**	891,968,583
	933,182,917	929,184,305
LOCAL INVESTMENTS		
Malta Govt. Securities	**34,791,683**	24,697,449
OTHER ASSETS	**58,409,862**	59,059,127
	1,026,384,462	1,012,940,881

LIABILITIES	Lm	31-Jul-06 Lm	30-Jun-06 Lm
CAPITAL AND RESERVES			
Capital		**5,000,000**	5,000,000
General Reserve Fund		**23,000,000**	23,000,000
Special Reserve Fund		**13,000,000**	13,000,000
Reserves for Risks and Contingencies		**44,745,000**	44,745,000
Reserve for Fair Value Adj		**(7,193,316)**	(8,386,576)
		78,551,684	77,358,424
CURRENCY ISSUED			
Notes	**491,330,985**		491,598,347
Coins	**20,660,455**		20,361,054
		511,991,440	511,959,401
DEPOSITS			
Government	**106,113,012**		82,472,514
Banks	**279,961,101**		286,215,092
Others	**8,197,421**		10,133,520
		394,271,534	378,821,126
OTHER LIABILITIES		**41,569,804**	44,801,930
		1,026,384,462	1,012,940,881

1. Proportion of total external assets to currency and deposit liabilities 102.97% (104.31%)
2. Net amount of foreign currency exchange sale contracts is Lm6,896,079.
3. The amount of foreign currency guarantees issued on behalf of customers is Lm7,622,744.

R. FILLETTI
FINANCIAL CONTROLLER

G. HUBER
DIRECTOR
FINANCE & BANKING

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Il-Kumitat Organizzattiv fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf li qed jippubblika l-applikazzjonijiet u r-regolamenti għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjonijiet, elenkati iżjed 'l isfel, tal-Karnival ta' Għawdex 2007:

Karrijiet Trijonfali Sezzjoni A
Karrijiet Trijonfali Sezzjoni B
Kumpaniji: Kostum u Danza (Kbar)
Kumpaniji: Kostum u Danza (Żgħar)
Maskri grotteski
Kostumi Individwali (tfal)
Kostumi maskeruni (tfal)
Karru trijonfali Re tal-Karnival
Grupp "Allegrija"

Aktar tagħrif dwar dawn il-kompetizzjonijiet jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tal-Kultura, Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, ir-Rabat, Għawdex.

Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mill-imsemmi uffiċċju u għandhom jaslu fl-istess uffiċċju nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Ottubru 2006 bejn id-9.00 a.m. u l-11.00 a.m.

It-22 ta' Settembru, 2006

MINISTRY FOR GOZO

The Organising Committee within the Ministry for Gozo, notifies that it has published the applications and regulations for participation in the Gozo 2007 Carnival competitions listed hereunder:

Triumphal Floats Section A
Triumphal Floats Section B
Companies: Costume and Dance (Adult)
Companies: Costume and Dance (Children)
Grotesque masks
Children individual costumes
Children grotesque costumes
King Carnival Triumphal float
Group "Allegrija"

Further information regarding these competitions can be obtained from the Culture Office, Banca Giuratale, Independence Square, Victoria, Gozo.

Application forms may be obtained from the above mentioned office and must be returned on Friday, 20th October 2006 between 9.00 a.m. and 11.00 a.m.

22nd September, 2006

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill jgħarraf li minħabba attività tal-Kunsill li se ssir nhar is-Sibt, it-30 ta' Settembru, 2006, Dawret it-Torri se tkun magħluqa għat-traffiku minn ħdejn il-każin tal-Partit Nazzjonalista sa ħdejn Triq Begonia bejn it-8.30 a.m. u s-2.30 p.m. F'din il-parti tat-triq ma jistgħux jitħallew karozzi pparkjati.

Waqt din l-attività l-parkeġġ ta' ħdejn il-Każin tan-Nazzjonalisti għandu jitħalla vojt.

It-22 ta' Settembru, 2006

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

The Santa Luċija Local Council notifies that due to a Council activity to be held on Saturday, 30 September, 2006, Dawret it-Torri will be closed for traffic from the Nationalist Party Club to Triq Begonia from 8.30 a.m. to 2.30 p.m. This part of the road must be kept clear of parking during this time.

During the said event the parking area near the Nationalist Party Club must also be kept clear of parking.

22nd September, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-26 ta' Settembru, 2006, għal:

CT 321/2006. Stallazzjoni ta' ħames (5) *lifts* fi Triq il-Wied, l-Imsida Fażi IIIB - Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 26th September, 2006, for:

CT 321/2006. Installation of five (5) lifts at Triq il-Wied, Msida Phase IIIB - Housing Construction and Maintenance

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 322/2006. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' żewġ (2) *walk in freezers* għal *cold stores* ġewwa Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali Programm għal Malta 2004-2006 (*Budget* allokat: Lm45,000 mingħajr VAT).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Settembru, 2006, għal:

CT 315/2006. *Integration of environmental concerns into Malta's agriculture on the basis of the IRENA Operation* - Awtorità ta' Malta dwar l-Iżvilupp u l-Ippjanar (MEPA). Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għall-Iżvilupp Rurali għal Malta 2004-2006 (*Budget* allokat: Euros 211,865 mingħajr VAT).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Awissu, 2006.

CT 335/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *toilet paper* lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-3 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 311/2006. Sejħa għal espressjonijiet ta' interess għal *offshore wind development* f'Malta – Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Awissu, 2006.

CT 316/2006. Provvista ta' *flow-cytometry markers* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Awissu, 2006.

CT 320/2006. Provvista u stallazzjoni ta' apparat għal *roadside check* - Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-*Transition Facility* 2005. (*Budget* allokat: Euros 98,500 mingħajr VAT).

Department. Tender documents may be collected from the Housing Construction and Maintenance Department, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm10 for each copy of tender document.

CT 322/2006. Supply, delivery, installation and commissioning of two (2) walk in freezers for the cold stores in Gozo - Ministry for Gozo. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006. (Allocated budget: Lm45,000 excluding VAT).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th September, 2006, for:

CT 315/2006. Integration of environmental concerns into Malta's agriculture on the basis of the IRENA Operation - Malta Environment and Planning Authority (MEPA). A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the Rural Development Programme for Malta 2004-2006. (Allocated budget: Euros 211,865 excluding VAT).

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th August, 2006.

CT 335/2006. Period contract for the supply of toilet paper to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 3rd October, 2006, for:

CT 311/2006. Call for expressions of interest for offshore wind development in Malta – Malta Resources Authority. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 3rd August, 2006.

CT 316/2006. Supply of flow-cytometry markers - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 9th August, 2006.

CT 320/2006. Supply, delivery and installation of equipment for roadside checks - Malta Transport Authority. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the Transition Facility 2005 Programme for Malta. (Allocated Budget: Euros 98,500 excluding VAT).

CT 325/2006. Provvista ta' *doxorubicin 10mg* u *50mg vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 326/2006. Provvista ta' *rituximab 500mg vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 327/2006. Provvista ta' *sodium bicarbonate 8.4% infusion x 200ml* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 329/2006. Kiri ta' *digital photocopiers* lid-Diviżjoni Qrati tal-Ġustizzja - Diviżjoni Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 330/2006. Provvista ta' *disposable polythelene aprons* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-5 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 333/2006. Provvista u twaħħil ta' aperturi ta' l-aluminju u xogħol ta' metall fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada.

Irid jitħallas ditt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 345/2006. Servizzi ta' tindif fil-Junior Lyceum tal-Bniet Sir Adrian Dingli, Blokk ta' Sandhurst, Pembroke – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-10 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 323/2006. Provvista ta' *complete nutritional preparation x 500ml* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Awissu, 2006.

CT 324/2006. Provvista ta' *concentrated bicarbonate kits* - Diviżjoni tas-Saħħa.
Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Awissu, 2006.

CT 348/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' blokki tal-konkrit rettangulari *precast hollow* lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 349/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *carbon steel bars* għar-rinfurzar tal-konkos lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-12 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 336/2006. Provvista ta' servizzi ta' konsulenza relatati ma' l-implimentazzjoni ta' servizzi ta' *eGovernment* -

CT 325/2006. Supply of doxorubicin 10mg and 50mg vials - Health Division.

CT 326/2006. Supply of rituximab 500mg vials - Health Division.

CT 327/2006. Supply of sodium bicarbonate 8.4% infusion x 200ml - Health Division.

CT 329/2006. Hire of digital photocopiers for the Courts of Justice Division - Courts of Justice Division. A fee of Lm15 will be charged for each copy of tender document.

CT 330/2006. Supply of disposable polythelene aprons - Health Division.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 5th October, 2006, for:

CT 333/2006. Supply and installation of aluminium apertures and metal works at the Siġġiewi Primary School – Foundation for Tomorrow's Schools.

A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

CT 345/2006. Cleaning services at Sir Adrian Dingli Girls Junior Lyceum, Sandhurst Block, Pembroke – Education Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 10th October, 2006, for:

CT 323/2006. Supply of complete nutritional preparation x 500ml - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 16th August, 2006.

CT 324/2006. Supply of concentrated bicarbonate kits - Health Division.
The EU Contract Notice was dispatched on the 16th August, 2006.

CT 348/2006. Period contract for the supply of rectangular precast hollow concrete blocks to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 349/2006. Period contract for the supply of carbon steel bars for concrete reinforcement to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 12th October, 2006, for:

CT 336/2006. Provision of consultancy services related to the implementation of eGovernment services - Ministry

Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 339/2006. Bini u tlestija parzjali ta' tliet (3) appartamenti f'*Plot* 18, Triq il-Fieres, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 340/2006. Bini u tlestija parzjali ta' żewġ (2) appartamenti, erba' (4) garaxxijiet u ħanut f'*Plot* 17, Triq Dun Ġwann Mamo, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 350/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *starter batteries* lit-Taqsima ta' l-Akkwisti tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-17 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 331/2006. Provvista u stallazzjoni ta' għamara għal-laboratorju fiċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm – Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-*Transition Facility* 2004. (*Budget* allokat: Ewros 144,000 minghajr VAT).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-21 ta' Awissu, 2006.

CT 332/2006. Provvista u stallazzjoni ta' vetrini għall-mużew fiċ-ċentru tal-viżitaturi f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra, limiti tal-Qrendi – Patrimonju Kulturali Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali, Programm għal Malta 2004-2006. (*Budget* allokat: Lm35,800 minghajr VAT).

CT 341/2006. Bini u tlestija parzjali ta' tlett (3) appartamenti fuq *Plot* 11, Triq Dun Ġwann Mamo, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-19 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 334/2006. Manifattura, provvista u konsenja ta'

for Investment, Industry and Information Technology. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 339/2006. Construction and semi-finishing of three (3) apartments on Plot 18, Triq il-Fieres, Tarxien - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm50 for each copy of tender document.

CT 340/2006. Construction and semi-finishing of two (2) apartments, four (4) garages and a shop on Plot 17, Triq Dun Ġwann Mamo, Tarxien - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm50 for each copy of tender document.

CT 350/2006. Period contract for the supply of starter batteries to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 17th October, 2006, for:

CT 331/2006. Supply, delivery, installation and commissioning of laboratory furniture at the National Blood Transfusion Centre, Guardamangia – Health Division. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the Transition Facility 2004 Programme for Malta. (Allocated Budget: Euros 144,000 excluding VAT).

The EU Contract Notice was dispatched on the 21st August, 2006.

CT 332/2006. Supply and installation of museum display cases for the Ħaġar Qim and Mnajdra Visitors' Centre, limits of Qrendi – Cultural Heritage Malta. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006. (Allocated Budget: Lm35,800 excluding VAT).

CT 341/2006. Construction and semi-finishing of three (3) apartments on Plot 11, Triq Dun Ġwann Mamo, Tarxien - Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana, between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm50 for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 19th October, 2006, for:

CT 334/2006. Manufacture, supply and delivery of

demountable museum display cases għall-esibizzjonijiet temporanji – Patrimonju Kulturali Malta.

CT 346/2006. Xogħol ta' madum, irħam u granit fl-iskola sekondarja ġdida f'Tal-Ħandaq, Ħal Qormi – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 347/2006. Xogħol fuq ġewwa u fuq barra ta' tikħil u tibjid fl-iskola sekondarja ġdida f'Tal-Ħandaq, Ħal Qormi – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm35 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 337/2006. Provvista ta' *disposable protective gowns* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Awissu 2006.

CT 338/2006. Provvista ta' *oxygen concentrators* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Awissu 2006.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 351/2006. Disinn, provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *monitored 7.5kWp grid connected photo voltaic system* - Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 353/2006. Provvista u stallazzjoni ta' xogħlijiet ta' l-aluminju u ħġieġ strutturali fil-*west wing* tal-blokk ta' l-amministrazzjoni tal-MCAST Kampus ta' Kordin - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-31 ta' Ottubru, 2006, għal:

CT 342/2006. Xogħlijiet mekkaniċi u ta' l-elettriku fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra, limiti tal-Qrendi - Patrimonju Kulturali Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 343/2006. Provvista ta' pilloli *mesalazine 400mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Settembru 2006.

CT 344/2006. Provvista ta' *anti-haemophilia Factor VIII inhibitor* – Diviżjoni tas-Saħħa.

demountable museum display cases for temporary exhibitions – Cultural Heritage Malta.

CT 346/2006. Tiling, marble and granite works at the new secondary school at Tal-Ħandaq, Qormi – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

CT 347/2006. Internal and external plastering and painting works at the new secondary school at Tal-Ħandaq, Qormi – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm35 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th October, 2006, for:

CT 337/2006. Supply of disposable protective gowns - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 29th August 2006.

CT 338/2006. Supply of oxygen concentrators - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 29th August 2006.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 26th October, 2006, for:

CT 351/2006. Design, supply, installation and commissioning of a monitored 7.5kWp grid connected photo voltaic system - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 353/2006. Supply and installation of aluminium works and structural glazing at the West Wing MCAST Administration Block, Corradino Campus, Paola - Malta College of Arts, Sciences and Technology. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 31st October, 2006, for:

CT 342/2006. Mechanical and electrical works for the Ħaġar Qim and Mnajdra Visitors Centre, limits of Qrendi - Cultural Heritage Malta. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 343/2006. Supply of mesalazine 400 mg tablets – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th September 2006.

CT 344/2006. Supply of anti-haemophilia Factor VIII inhibitor – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 4th

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Settembru 2006.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-2 ta' Novembru, 2006, għal:

*CT 358/2006. Provvista u stallazzjoni ta' sistemi mekkaniċi u ta' l-elettriku fl-iskola ġdida, Liċeo Giuseppe Despott, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-7 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 352/2006. Provvista ta' *human biosynthetic insulin neutral solution, short acting cartridges* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-13 ta' Settembru 2006.

CT 354/2006. Xogħlijiet ta' tlesstija fiċ-ċentru tal-viżitaturi fil-Heritage Park ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, limiti tal-Qrendi - Patrimonju Kulturali Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm75 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Strutturali Programm għal Malta 2004-2006 (*Budget* allokat: Lm250,000 mingħajr VAT).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-9 ta' Novembru, 2006, għal:

CT 355/2006. Provvista ta' injezzjonijiet meropenam 500mg – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' Settembru 2006.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-14 ta' Novembru, 2006, għal:

*CT 357/2006. Provvista ta' kapsoli *phenytoin sodium 100mg* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' Settembru 2006.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

September 2006.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 2nd November, 2006, for:

*CT 358/2006. Supply and installation of mechanical and electrical systems at the new school, Giuseppe Despott Lyceum, Cospicua - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 7th November, 2006, for:

CT 352/2006. Supply of human biosynthetic insulin neutral solution, short acting cartridges – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 13th September 2006.

CT 354/2006. Finishing works of a visitor centre at Ħaġar Qim and Mnajdra Heritage Park, limits of Qrendi - Cultural Heritage Malta. A fee of Lm75 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006. (Allocated budget: Lm250,000 excluding VAT).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 9th November, 2006, for:

CT 355/2006. Supply of meropenam 500mg injections – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 15th September 2006.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 14th November, 2006, for:

*CT 357/2006. Supply of phenytoin sodium 100mg capsules – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on the 19th September 2006.

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-22 ta' Settembru, 2006

